# L-INFIQ TAL-UNJONI

L-infiq tal-baġit huwa approvat b'mod konġunt mill-Kunsill u mill-Parlament. Il-baġit annwali tal-UE jrid jirrispetta l-limiti massimi baġitarji maqbula fil-kuntest tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) għal programmi u politiki differenti, bħalma huma dawk dwar il-koeżjoni, l-agrikoltura u r-relazzjonijiet esterni. L-istrumenti ta' flessibbiltà jiżguraw li l-UE tkun tista' tirreaġixxi f'każ ta' ħtiġijiet mhux previsti. L-użu tal-istrumenti finanzjarji joħloq effett ta' lieva fir-rigward tal-infiq tal-UE.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

— L-Artikoli 310-325 u 352 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 106a, 171-182 u 203 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika;

— Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012[1];

— Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020[2];

— Il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba[3].

## L-OBJETTIV

Il-finanzjament tal-politiki tal-Unjoni Ewropea fil-limiti tad-dixxiplina baġitarja, b'konformità mar-regoli u l-proċeduri fis-seħħ.

## IL-PRINĊIPJI BAŻIĊI

Il-baġit tal-UE jobdi d-disa' regoli ġenerali tal-unità, il-preċiżjoni baġitarja, l-annwalità, l-ekwilibriju, l-unità tal-kontijiet (l-euro), l-universalità, l-ispeċifikazzjoni (kull approprjazzjoni hi allokata għal tip ta' nefqa partikolari), il-ġestjoni finanzjarja tajba u t-

[1]ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.
[2]ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
[3]ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

trasparenza, skont l-Artikoli 6 sa 38 tar-Regolament dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Ir-regola tal-annwalità trid tiġi rrikonċiljata mal-ħtieġa li jkunu ġestiti azzjonijiet pluriennali, li żiedu fl-importanza tagħhom fil-baġit. Għalhekk, il-baġit jinkludi approprjazzjonijiet differenzjati li jikkonsistu minn dan li ġej:

— approprjazzjonijiet ta' impenn, li jkopru n-nefqa totali matul is-sena finanzjarja kurrenti b'rabta mal-obbligi legali kkuntrattati għal attivitajiet li jdumu għaddejjin għadd ta' snin;

— approprjazzjonijiet ta' pagament, li jkopru n-nefqa marbuta mal-implimentazzjoni ta' impenji kkuntrattati matul is-sena finanzjarja kurrenti jew dawk ta' qabel.

Ir-regola tal-unità lanqas ma hija osservata kompletament, minħabba li, pereżempju, l-approprjazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) (5.3.1) mhumiex inklużi fil-baġit. Madankollu, fuq l-insistenza tal-Parlament, il-Ftehim Interistituzzjonali dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ta' Diċembru 2013 jistipula li l-Kummissjoni tħejji rapport annwali li jagħti ħarsa ġenerali lejn il-konsegwenzi finanzjarji u baġitarji ta' diversi attivitajiet tal-Unjoni, sew jekk iffinanzjati mill-baġit tal-UE u sew jekk iffinanzjati barra minnu. Dan ir-rapport fih informazzjoni dwar il-FEŻ, diversi operazzjonijiet ta' teħid u għoti b'self – inklużi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni (MES) u l-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (2.6.8) – u fondi fiduċjarji tal-UE għal azzjonijiet esterni, li żiedu fl-importanza tagħhom bħala riżultat tas-sitwazzjoni tal-migrazzjoni.

## L-ISTRUTTURA TAL-BAĠIT IBBAŻATA FUQ IL-KARATTERISTIĊI TAL-APPROPRJAZZJONIJIET

**1.** Nefqa operattiva / nefqa amministrattiva / baġits ta' attività individwali

Il-baġit ġenerali maqsum f'10 taqsimiet, waħda għal kull istituzzjoni. Filwaqt li t-taqsimiet tal-istituzzjonijiet l-oħra jikkonsistu essenzjalment minn nefqa amministrattiva, it-taqsima tal-Kummissjoni (Taqsima III) tikkonsisti minn nefqa operattiva biex tiffinanzja azzjonijiet u programmi u l-ispejjeż amministrattivi marbuta mal-implimentazzjoni tagħhom (assistenza teknika, aġenziji, riżorsi umani). Fl-2020, in-nefqa amministrattiva globali tikkorrespondi għal 6.1% tal-baġit totali ta' EUR 168 688.1 miljun.

Il-Kummissjoni tuża nomenklatura baġitarja li tippreżenta r-riżorsi skont l-oqsma ta' politika u l-attivitajiet, biex b'hekk tagħmilha eħfef li jiġu evalwati l-ispiża u l-effikaċja ta' kull politika tal-UE ("ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività").

**2.** Il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) (1.4.3.)

Sa mill-1988, l-infiq tal-Komunità/UE tqiegħed f'qafas pluriennali, li jaqsam il-baġit f'intestaturi li jikkorrispondu għal oqsma ta' politika wesgħin, b'limiti massimi ta' nfiq li jirriflettu l-prijoritajiet baġitarji ewlenin għall-perjodu kopert. L-ewwel perjodu ta' programmazzjoni dam ħames snin, filwaqt li t-tul ta' żmien tal-perjodi sussegwenti u tal-perjodu attwali huwa ta' seba' snin. Il-baġits annwali jridu jirrispettaw il-limiti stabbiliti fil-qafas pluriennali.

Il-politika agrikola u rurali għadha l-akbar waħda f'termini ta' allokazzjoni baġitarja, segwita mill-qrib mill-politika reġjonali. It-tabella hawn taħt tipprovdi tqassim tal-baġit 2020 skont l-oqsma ta' politika kif definiti fil-qafas finanzjarju pluriennali attwali għall-perjodu 2014-2020.

Il-baġit tal-UE għall-2020: it-tqassim tal-approprjazzjonijiet ta' impenn f'kategoriji tal-QFP

| Intestatura tal-QFP | EUR miljun | % |
|---|---|---|
| Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi | 25 284.8 | 14.6% |
| Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 58 645.8 | 34.1% |
| Tkabbir sostenibbli: ir-riżorsi naturali | 59 907.0 | 34.8% |
| Sigurtà u ċittadinanza | 7152.4 | 4.2% |
| Ewropa Globali | 10406.6 | 6.0% |
| Amministrazzjoni | 10271.2 | 6.0% |
| Oħrajn | 587.8 | 0.3% |
| Totali | 172255.5 | 100.0% |

**3.** L-istrumenti ta' flessibbiltà u emerġenza

Minbarra n-nefqa pprogrammata bħala finanzjament għall-politiki tal-UE fil-qafas ta' programmi pluriennali, xi mezzi finanzjarji ġew riżervati fil-baġit tal-UE bl-iskop li jservu ta' reazzjoni għal kriżijiet u sitwazzjonijiet mhux mistennija. Dawn l-istrumenti speċjali ta' flessibbiltà jistgħu jintużaw f'każ ta' kriżijiet ekonomiċi (eż. il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni), diżastri naturali (eż. il-Fond ta' Solidarjetà), emerġenzi umanitarji (eż. ir-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza) jew ħtiġijiet mhux previsti oħra (eż. l-Istrument ta' Flessibbiltà) fl-Istati Membri tal-UE, fil-pajjiżi kandidati u f'pajjiżi barra mill-UE. Tali finanzjament jippermetti li jiġu koperti ħtiġijiet finanzjarji eċċezzjonali limitati.

## L-OPERAZZJONIJIET TA' SELF U L-ISTRUMENTI FINANZJARJI

Strumenti finanzjarji fl-għamla ta' ekwità jew kapital ta' riskju, garanziji jew arranġamenti oħra ta' tqassim tar-riskju ġew inkorporati f'għadd ta' programmi tal-UE biex tiżdied il-kapaċità ta' lieva tal-għajnuna finanzjarja mill-UE.

Bħala parti minn pakkett ta' miżuri adottat mill-Kunsill fid-9 ta' Mejju 2010 għall-Istati Membri f'diffikultà jew mhedda b'diffikultajiet serji, ġie stabbilit il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilizzazzjoni Finanzjarja biex jipprovdi għajnuna finanzjarja fil-forma ta' self jew linja tal-kreditu ggarantiti mill-baġit tal-UE. Il-faċilità tal-"Bilanċ tal-Pagamenti" tippermetti l-għoti ta' għajnuna finanzjarja lill-Istati Membri li l-munita tagħhom mhijiex l-euro (2.6.8). Barra minn hekk, tista' tingħata għajnuna makrofinanzjarja, fl-għamla ta' self jew għotjiet, lill-pajjiżi li mhumiex membri tal-UE.

Il-firxa ta' operazzjonijiet u strumenti żdiedet bil-kbir sa mill-1978 u f'dawn l-aħħar ftit snin kompliet tiżdied, b'mod partikolari permezz tal-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Qabel l-adozzjoni tat-Trattat ta' Lisbona, l-infiq baġitarju kien ikklassifikat jew bħala obbligatorju (jekk kien relatat ma' obbligu kuntrattwali) jew inkella bħala mhux obbligatorju. Filwaqt li l-Parlament kellu d-dritt li jieħu deċiżjoni finali dwar l-infiq mhux obbligatorju, il-Kunsill kellu d-dritt li jieħu deċiżjoni finali dwar l-infiq obbligatorju. Il-Parlament oppona din id-distinzjoni bħala restrizzjoni tas-setgħat tiegħu. It-Trattat ta' Lisbona neħħa din id-distinzjoni bejn infiq obbligatorju u nfiq mhux obbligatorju u ta lill-Parlament setgħat baġitarji konġunti mal-Kunsill fuq il-baġit kollu (1.2.5).

Il-Parlament insista wkoll fuq it-trasparenza baġitarja u l-iskrutinju xieraq tal-operazzjonijiet u l-istrumenti kollha u talab li l-infiq kollu u d-dħul kollu li jirriżultaw minn deċiżjonijiet meħuda mill-istituzzjonijiet tal-UE jew f'isem tali istituzzjonijiet, inklużi l-operazzjonijiet ta' teħid b'self, għoti b'self u garanzija għal self, jiġu deskritti fil-qosor f'dokument mehmuż kull sena mal-abbozz ta' baġit, li jagħti ħarsa ġenerali lejn il-konsegwenzi finanzjarji u baġitarji tal-attivitajiet tal-UE.

Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament jorganizza laqgħa annwali mal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) (1.3.15) sabiex jifli bir-reqqa l-attivitajiet finanzjarji tiegħu, u jħejji rapport annwali li jivvaluta l-prestazzjoni u r-riżultati tal-passat tal-BEI. Il-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tal-Parlament qablu li jipproduċu rapport annwali li jivvaluta l-azzjonijiet attwali u futuri tal-BEI; huma jalternaw bħala l-kumitat responsabbli. Filwaqt li jqis li l-istrumenti finanzjarji jistgħu jkunu għodda utli sabiex jitkattar l-impatt tal-fondi tal-UE, il-Parlament enfasizza li dawn għandhom jiġu implimentati taħt kundizzjonijiet stretti, billi jiġu evitati riskji baġitarji. Għal dak il-għan, regoli dettaljati għall-użu tal-istrumenti finanzjarji ġew inklużi fir-Regolament Finanzjarju.

Vera Milicevic
10/2020